

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../..

ta' [...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom⁽²⁾,

Billi:

- (1) Jeħtieġ li jsir titjib fl-Anness u li jiġu kkoreġuti żbalji fl-Anness (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Parti 21") għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003, u li wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu jinġiebu konformi mal-politika dwar innumerar li l-Aġenzija kellha tiddefinixxi skond 21.B230(b).
- (2) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni mogħtija mill-Aġenzija⁽³⁾ skond l-Artikoli 12(2)(b) u 14(1) tar-Regolament bażiku.
- (3) ⁴Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni stabbilit bl-Artikolu 54(3) tar-Regolament Bażiku.
- (4) Għaldaqstant ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 għandu jiġi emendat kif speċifikat,

¹ ĠU L 240, 7.9.2002, p.1.

² ĠU L 243, 27.9.2003, p.6. 6.

³ Opinjoni 03/2006

⁴ [Għad irid jinħareġ.]

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness (Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1702/2003 huwa emendat hawnhekk kif ġej:

1. Is-subparagrafu (b)5 ta' paragrafu 21A.14 huwa mibul b'li ġej:
“5. *pitch propeller* fiss (snien ta' ingranaġġ fissi) jew li jista' jiġi aġġustat.”
2. Is-subparagrafu (b)2 ta' paragrafu 21A.35 huwa mibul b'li ġej:
"2. Sabiex inġenju ta' l-ajru jiġi ċċertifikat taħt din it-Taqsima, għajr iġfna ta' l-ajru bl-arja sħuna (*hot-air airships*), *balloons* ta' l-arja sħuna, *free gasballoons*, *tethered gasballoons*, *sailplanes* u *sailplanes* b'magna u għajr ajruplani ta' Piż Massimu mat-Tluġh mill-Art (*Maximum Take-Off Mass*) (MTOM) ta' 2722 kg jew inqas, sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx assigurazzjoni biżżejjed li l-ajruplan, il-partijiet u l-apparat tiegħu humiex affidabbli u humiex qegħdin jaħdmu sewwa.”
3. Il-paragrafu 21A.112 huwa emendat billi tiżdied ‘A’ fit-tarf tan-numru tal-paragrafu.
4. Il-paragrafu 21A.125 huwa emendat billi tiżdied ‘A’ fit-tarf tan-numru tal-paragrafu.
5. Is-subparagrafu (c)2 ta' paragrafu 21A.165 huwa mibul b'li ġej:
"2. Stabbilixxi jekk il-prodotti, partijiet u apparat ieħor humiex sħaħ u jikkonformawx mad-dejta tad-disinn approvat u humiex f'kundizzjoni għal tħaddim bla periklu qabel toħroġ il-Formola 1 ta' l-EASA sabiex tiċċertifika l-konformità mad-dejta tad-disinn approvat u l-kundizzjoni għal tħaddim mingħajr periklu, u barra minn hekk, fil-każ ta' magni, stabbilixxi skond id-dejta pprovduta mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip ta' magna li kull magna lesta hija konformi mar-rekwiżiti applikabbli dwar l-emissjonijiet hekk kif definit f'21A.18(b), kurrenti fid-data tal-fabbrikazzjoni tal-magna, sabiex tiċċertifika l-konformità ma' l-emissjonijiet, jew”
6. Il-paragrafu 21A.183 huwa mibul b'li ġej:
“21A.183 Ħruġ ta' ċertifikati li jattestaw li l-inġenji ta' l-ajru huma tajbin għall-ajru
L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni għandha toħroġ ċertifikat għal:
(a) inġenju ta' l-ajru ġdid, li jattesta li huwa tajjeb għall-ajru:
 1. Mal-preżentazzjoni tad-dokument meħtieġ minn 21A.174(b)(2).
 2. Meta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tqis li l-inġenju ta' l-ajru jikkonforma mad-disinn approvat u huwa f'kundizzjoni għal tħaddim mingħajr periklu.
(b) inġenju ta' l-ajru wżat:
 1. mal-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa minn 21A.174(b)(3) li turi li:

- (i) l-inġenju ta' l-ajru jikkonforma mad-disinn tat-tip approvat taħt ċertifikat tat-tip u kwalunkwe ċertifikat tat-tip supplimentari, bidla jew tiswija approvata skond din il-Parti; u
 - (ii) id-direttivi applikabbli dwar jekk l-inġenju ta' l-ajru huwiex f'kundizzjoni tajba biex itir ġew sodisfatti; u
 - (iii) l-inġenju ta' l-ajru ġie spezzjonat skond id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' Parti M;
- u
2. meta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tqis li l-inġenju ta' l-ajru jikkonforma mad-disinn approvat u huwa f'kundizzjoni tajba għal tħaddim mingħajr periklu."

7. Is-subparagrafu a ta' paragrafu 21A.184 huwa mibul b'li ġej:

"(a) L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni għandha toħroġ ċertifikat għal:

1. inġenju ta' l-ajru ġdid, li jattesta li huwa tajjeb għall-ajru:
 - (i) mal-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa minn 21A.174(b)(2).
 - (ii) meta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tqis li l-inġenju ta' l-ajru jikkonforma mad-disinn approvat mill-Aġenzija taħt ċertifikat tat-tip ristrett jew skond speċifikazzjonijiet speċifiċi taċ-ċertifikazzjoni, u huwa f'kundizzjoni tajba għal tħaddim mingħajr periklu.
2. inġenju ta' l-ajru wżat:
 - (i) mal-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa minn 21A.174(b)(3) li turi li:
 - (A) l-inġenju ta' l-ajru jikkonforma mad-disinn approvat mill-Aġenzija taħt ċertifikat tat-tip ristrett jew skond speċifikazzjonijiet speċifiċi ta' ċertifikazzjoni; u
 - (B) id-direttivi applikabbli dwar jekk l-inġenju ta' l-ajru huwiex f'kundizzjoni tajba biex itir ġew sodisfatti; u
 - (C) l-inġenju ta' l-ajru ġie spezzjonat skond id-dispożizzjonijiet ix-xierqa ta' Parti M;
 - u
 - (ii) meta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tqis li l-inġenju ta' l-ajru jikkonforma mad-disinn approvat u huwa f'kundizzjoni tajba biex jaħdem mingħajr periklu."

8. Is-subparagrafu (a) ta' paragrafu 21A.245 huwa mibul b'li ġej:

"(a) Għandu jkun hemm biżżejjed personal fid-dipartimenti tekniċi kollha u dan il-personal għandu jkollu biżżejjed esperjenza u għandu jkun ingħata awtorità xierqa sabiex ikun jista' jwettaq ir-responsabbiltajiet allokatu lilu, u li dawn, flimkien ma' l-akkomodazzjoni, il-faċilitajiet u t-tagħmir għandhom ikunu adegwati sabiex il-personal ikun jista' jilħaq il-miri ta' kundizzjoni tajba ta' l-inġenji ta' l-ajru u ta' protezzjoni ambjentali għall-prodott."

9. Il-paragrafu 21A.263 huwa emendat kif ġej:

(a) Is-subparagrafu (b)3 huwa mibdul b'li ġej:

"3. awtorizzazzjoni ta' l-ETSO taħt 21A.602(b)(1); jew"

(b) Is-subparagrafu (ċ)3 huwa mibdul b'li ġej:

"3. il-ħruġ t'informazzjoni jew struzzjonijiet li fihom id-dikjarazzjoni li ġejja:
"Il-kontenut tekniku ta' dan id-dokument huwa approvat skond l-awtorità tad-DOA Nru. EASA.21J.[xyz]."

(ċ) Is-subparagrafu (ċ)4 huwa mibdul b'li ġej:

"4. sabiex jiġu approvati bidliet dokumentarji fil-manwal u fis-supplimenti tat-titjira ta' l-inġenju ta' l-ajru, u jinħarġu dawn il-bidliet bid-dikjarazzjoni li ġejja : "Reviżjoni Nru. xx għall-AFM (jew suppliment) ref. yyy, approvata taħt l-awtorità ta' DOA Nru.EASA.21J.[xyz]."

10. Is-subparagrafu (a) ta' paragrafu 21A.307 huwa mibdul b'li ġej:

"(a) Akkompanjat b'ċertifikat ta' rilaxx awtorizzat (Formola 1 ta' l-EASA), li jiċċertifika li l-oġġett ġie ffabrikat b'mod konformi mad-dejta tad-disinn approvat u huwa f'kundizzjoni tajba biex jaħdem mingħajr periklu; u"

11. Il-paragrafu 21A.432 huwa emendat billi tiżdied 'A' fit-tarf tan-numru tal-paragrafu.

12. Is-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu 21A.606 huwa mibdul b'li ġej:

"(ċ) Tiddikjara b'mod espliċitu li hija lesta li tikkonforma ma' 21A.609."

13. Is-subparagrafu (f) tal-paragrafu 21A.609 huwa mibdul b'li ġej:

"(f) Jikkonforma ma' 21A.3, 21A.3B u 21A.4."

14. Is-subparagrafu (d) tal-paragrafu 21A.801 huwa mibdul b'li ġej:

"(d) Għal *balloons* li jgħorru n-nies fuqhom, il-plakka ta' identifikazzjoni preskritta fil-paragrafu (b) għandha tkun imwaħħla ma' l-envelopp tal-*balloon* u din għandha tkun tinsab, jekk ikun Prattikabbli, f'post fejn tkun tista' tinqara mill-operatur meta l-*balloon* tkun minfuħa. Barra minn hekk, il-baskett, l-assemblaġġ tal-qafas tal-piż u kull assemblaġġ tal-ħiter għandu jkun immarkat b'mod permanenti u li jinqara, bl-isem tal-fabbrikant, in-numru tal-part, jew ekwivalenti, u numru serjali, jew ekwivalenti."

15. Is-subparagrafu (a) tal-paragrafu 21A.804 huwa mibdul b'li ġej:

"(a) Kull parti jew apparat għandha tkun immarkata b'mod permanenti u li jinqara bi:

1. l-isem, it-trademark, jew is-simbolu li jidentifika lill-fabbrikant b'mod identifikat bid-dejta dwar id-disinn applikabbli; u
2. in-numru tal-part, hekk kif definit fid-dejta dwar id-disinn applikabbli; u
3. l-ittri EPA (European Part Approval)(Approvazzjoni Ewropea tal-Parti) għal partijiet u apparat iffabrikati skond id-dejta tad-disinn approvat li ma jappartienux għad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip tal-prodott relatat, għajr għall-artikoli ta' l-ETSO."

16. Is-subparagrafu (a) tal-paragrafu 21B.225 huwa mibdul b'li ġej:

"(a) Meta l-Awtorità Kompetenti ssib evidenza oġġettiva, li turi n-nuqqas ta' konformità tad-detentur ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni ta' produzzjoni mar-rekwiżiti applikabbli ta' din il-Part, dan it-tisjib għandu jiġi kklassifikat skond 21A.158(a) u:

1. Tisjib ta' l-ewwel livell għandu jiġi nnotifikat lid-detentur ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni ta' produzzjoni u dan għandu jiġi kkonfermat bil-miktub fi żmien 3 ijiem xogħol wara li dan jiġi stabbilit.
2. Tisjib tat-tieni livell għandu jiġi kkonfermat bil-miktub lid-detentur ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni fi żmien 14-il jum xogħol wara li dan jiġi stabbilit.”

17. Is-subparagrafu (a) tal-paragrafu 21B.235 huwa mibdul b'li ġej:

- “(a) Sabiex tiġi ġġustifikata l-kontinwazzjoni ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni, l-Awtorità Kompetenti għandha twestaq sorveljanza kontinwa:
1. sabiex tivverifika li s-sistema ta' kwalità tad-detentur ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni għadha tikkonforma ma' Taqsima A, Subparti G; u
 2. sabiex tivverifika li l-organizzazzjoni tad-detentur ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni topera skond l-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni; u
 3. sabiex tivverifika l-effettività tal-proċeduri ta' l-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni; u
 4. sabiex timmonitorja permezz ta' kampjuni, l-istandards tal-prodott, parti jew apparat.”

18. Formola 1 ta' l-AESA fl-Appendiċi I għal Parti 21 hija emendata kif ġej:

- (a) It-test “Parti M Taqsima A Subparti F in-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni: AAA RRR XXXX” huwa mneħħi minn blokk 13 Rimarki.
- (b) It-tieni linja tat-test fi blokk 14 hija mibdula b'li ġej:
 dejta dwar id-disinn approvat u huma f'kundizzjoni tajba biex jaħdmu mingħajr periklu”

19. L-istruzzjonijiet għall-mili għall-Formola 1 ta' l-EASA fl-Appendiċi I għal Parti 21 huma emendati billi t-test fil-kapitolu 3 għal blokk 9 jiġi mibdul b'li ġej:

- “Blokk 9 Użat sabiex jindika applikazzjonijiet tat-tip approvat li għalihom, l-oġġetti rilaxxati huma eleġibbli għal installazzjoni, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mid-detentur ta' l-approvazzjoni tad-disinn b'virtu ta' l-arranġament deskritt f'21A.4 u 21A.133(b) u (ċ). L-entrati li ġejjin huma permessi;
- (a) Għallinqas ajruplan, skrun, jew mudell ta' magna wieħed speċifiku jew serje tagħhom kif identifikati mid-detentur ta' l-approvazzjoni tad-disinn. Fil-każ ta' rilaxx ta' magna jew skrun, iddikjara l-applikazzjonijiet approvati ta' l-ajruplan, jew, jekk l-applikazzjoni m'hiex waħda speċifika, iddikjara "magna/skrun tat-tip ċertifikat". Fil-każ ta' l-Artikolu ta' l-ETSO, iddikjara jew l-applikazzjonijiet tat-tip approvat jew “Artikolu ta' l-ETSO Mhux Applikabbli”. Fil-każ ta' l-oġġetti li għandhom jiġu installati f'artikolu ta' l-ETSO, iddikjara jew “Artikolu ta' l-ETSO Mhux Applikabbli” jew in-numru tal-parti ta' l-oġġett ta' l-ETSO.
 - (b) ‘Xejn’, li għandha tintuża biss meta jkun magħruf li l-oġġetti jkun għad m'għandhomx applikazzjoni tat-tip approvat, eżempju: ċertifikat tat-tip pendenti, għal prova biss, dejta approvata pendenti. Jekk tintuża din il-kategorija, għandha tiġi pprovduta informazzjoni ta' spjega adegwata fi

Blokk 13 u oġġetti ġodda jistgħu jiġu rilaxxati biss għal għanijiet ta' Konformità.

- (ċ) 'Varji' jekk magħrufin b'virtu ta' l-arranġamenti taħt 21A.133(b) u (ċ) li huma eleġibbli għal installazzjoni fuq prodotti varji tat-tip approvat, skond proċedura approvata mill-Awtorità Kompetenti responsabbli mis-sorveljanza tal-POA.

Fil-każ ta' applikazzjonijiet multipli tat-tip approvat, huwa aċċettabbli għal dan il-Blokk li jkun fih referenza għal dokument meħmuż li jelenka dawn l-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe informazzjoni fi Blokk 9 ma tikkostitwixxix awtorità sabiex l-oġġett jitwahaħ fuq inġenju ta' l-ajru, magna jew skrun partikolari. L-Utent/Installatur għandu jikkonforma permezz ta' dokumenti bħall-Katalogu tal-Partijiet (*Parts Catalogue*), il-Bullettini tal-Manutenzjoni (*Service Bulletins*), eċċ., li l-oġġett huwa eleġibbli għall-installazzjoni partikolari.

Kull informazzjoni fi Blokk 9 mhux bilfors tfisser li l-prodott, partijiet jew apparat huma eleġibbli biss għal installazzjoni fuq il-mudell(i) elenkat(i).

Lanqas ma tiggarrantixxi li l-prodott, partijiet jew apparat huma eleġibbli għal installazzjoni fl-entrati kollha fi Blokk 9. L-eliġibbiltà tista' tiġi affettwata b'modifikazzjoni jew tibdil fil-konfigurazzjoni.

Meta parti tkun identifikata mid-detentur tad-disinn skond Standards rikonoxxuti uffiċjalment, dik il-parti titqies Parti Standard u r-rilaxx b'Formola 1 ta' l-EASA ma jkunx neċessarju. Madankollu, meta detentur ta' POA jirrilaxxa parti standard bħal din b'Formola 1 ta' l-EASA, għandu jkun kapaċi juri li huwa għandu l-kontroll tal-fabbrikazzjoni ta' dik il-parti."

20. Formola 15a ta' l-AESA fl-Appendiċi II għal Parti 21 hija emendata kif ġej:

- (a) It-test "ARC REFERENCE" huwa mneħħi;
(b) It-test "Tip ta' inġenju ta' l-ajru:" huwa mħassar.

21. Formola 24 ta' l-AESA fl-Appendiċi IV għal Parti 21 hija emendata billi jitneħħa t-test "LOGO TA' L-AESA" mir-rokna ta' fuq tax-xellug tal-formola.

22. Formola 25 ta' l-AESA fl-Appendiċi V għal Parti 21 hija emendata kif ġej:

- (a) It-test "LOGO TA' L-AESA" mir-rokna ta' fuq tax-xellug tal-formola huwa mneħħi;
(b) L-ewwel sentenza fil-blokk 5 hija mibdula b'li ġej:

"5. Dan iċ-Ċertifikat li Jattesta li Inġenju ta' l-Ajru huwa Tajjeb għall-Ajru huwa maħruġ skond il-Konvenzjoni fwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali datata 7 ta' Diċembru 1944 u r-Regolament (KE) Nru 1592/2002, Artikolu 5(2)(ċ) fir-rigward ta' l-inġenju ta' l-ajru deskritt fuq li huwa meqjus li huwa tajjeb għall-ajru meta miżmum u mħaddem hekk kif imsemmi fuq u skond il-limitazzjoni ta' tħaddim pertinenti."

23. Il-Formola 52 ta' l-AESA fl-Appendiċi VII għal Parti 21 hija emendata billi t-test tal-blokk 17 jiġi mibdul b'li ġej:

"17 Dikjarazzjoni tal-Konformità

Bil-preżenti, qiegħed jiġi ċċertifikat li dan l-inġenju ta' l-ajru jikkonforma għal kollox mad-disinn tat-tip ċertifikat u mal-partiti fuq fil-kaxex 9, 10, 11, 12 u 13.

L-inġenju ta' l-ajru huwa f'kundizzjoni ta' tħaddim mingħajr periklu.

L-inġenju ta' l-ajru ġie ttestjat b'mod sodisfaċenti waqt it-titjir."

24. L-istruzzjonijiet għall-mili tal-Formola 52 ta' l-AESA fl-Appendiċi VII għal Parti 21 huma emendati billi l-ewwel tliet paragrafi fuq il-Kapitolu 1 jitħassru.

25. Il-Formola 55 ta' l-AESA folja A fl-Appendiċi IX għal Parti 21 hija emendata billi “REFERENZA: NAA.G.XXXX” tiġi sostitwita b’“REFERENZA: MS.21G.XXXX”

Formola 55 ta' l-AESA folja B fl-Appendiċi IX għal Parti 21 hija emendata kif ġej:

(a) It-test fil-kaxxa ta' fuq tal-lemin tal-Formola huwa mibul b'li ġej:

“TA: MS.21G.XXXX”

(b) L-ewwel sentenza fil-blokk taħt l-ewwel ringiela hija mibdula b'li ġej:

“Dan id-dokument huwa parti min-Numru ta' l-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni MS.21G.XXXX maħruġ lil”

27. Il-Formola 65 ta' l-AESA fl-Appendiċi X għal Parti 21 hija emendata billi “Referenza: [NAA].F.[XXX]” tiġi sostitwita b’“Referenza: MS.21F.XXXX”

Artikolu 2 **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Parti 21 paragrafu 21A.804(a)(1) emendata għandha tkun applikabbli għad-disinni wara dik id-data.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Membru tal-Kummissjoni